17 JUN 2022

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 562**

**It-Tlieta 10 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 562.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

562.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s- Sur Joseph Vella ikun skużat.

## 562.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

562.2.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 561.9.1 u wara l-kliem 'impjegati permezz ta' skema' jiżdied il-kliem 'u għaldaqstant jistgħu jkunu ngaġġati għal perjodu temporanju'.

562.2.2 Il-minuti tal-561 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 562.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

562.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-*Life Long Learning,* fosthom korsijiet tal-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u tal-ganutell. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minkejja li l-Kunsill applika sabiex jiġu organizzati tlett korsijiet, mhux neċessarjament li d-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-impjegabilità jilqa' din it-talba.

562.3.2 Is-Sindku rrefera għat-talba li kienet saret mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex tiġi organizzata l-attività *Zabbar Autofest* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita' flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx is-somma ta' €3,000.

562.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-oġġezzjoni li ġiet sottomessa lill-Bord tal-Kuntratti mill-orħos operatur li ssottometta l-offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021). Is-Sindku nforma lill-membri preżenti bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi. Il-Kunsill ġie mitlub biex jikkanċella l-ittra li ntbgħatet lill-operatur ekonomiku fl-1 ta' Marzu 2022, biex jipproċedi bl-għotja tal-offerta bl-orħos prezz li tissodisfa l-kriterji amministrattivi u tekniċi u sabiex jingħata id-depożitu ta' €400 lura lill-appellant.

562.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li r-Reġjuni ġew notifikati li s-sejħa għall-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali trid tinħareġ sa nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju 2022. L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-Kunsill li l-President tar-Reġjun Port kien infurmaha li mhux ser jaċċetta li r-Reġjun joħroġ din is-sejħa minħabba li għandu direttiva maħruġa mid-Diviżjoni li ma jista' joħroġ l-ebda sejħa sakemm ikun għaddej bl-*Interim Audit.* Jekk is-sejħa ser tkun ippubblikata nhar il-Ġimgħa, il-President kien ser jipproċedi legalment.

562.3.5 Fis-6.17 ta' filgħaxija s-Sinjorina Ghislaine Bongailas u l-Kaptan Patrick Barbara daħlu għal-laqgħa.

562.3.6 Is-Sindku qal illi matul il-laqgħa tar-Reġjun kien ser imexxi fl-interess tal-lokalità u kien ser jipproponi li tinħareġ s-sejħa għall-offerti. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kienu ser jagħmlu Kunsilli oħra. Is-Sindku qal illi din il-materja kienet għada ser tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk id-deċiżjoni fil-laqgħa tar-Reġjun kinitx ser tittieħed skont il-maġġoranza. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

562.3.7 Fis-6.23 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

562.3.8 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara li kellu f'Eschborn il-Ġermanja u qal illi flimkien mad-delegazzjoni tal-Portugal u d-delegazzjoni ta' Franza ġiet diskussa l-possibilità li jiġu organizzati skambji ta' artisti Żabbarin biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom f'esebizzjonijiet fil-Ġermanja, l-possibilità li jiġu organizzati *football tournaments* bejn il-pajjiżi u l-possibilità li jiġi organizzat il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ permezz ta' Fondi Ewropej. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li waqt il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ kienu jiġu organizzati diversi *workshops* miż-żgħażagħ. Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni fit-tiġrija tar-roti u qal illi l-parteċipanti Maltin kienu marru tajjeb u żied jgħid li l-parteċipanti Portugiżi kienu ġew fit-tieni u t-tielet post matul din il-kompetizzjoni. Is-Sindku żied jgħid li wara din iż-żjara il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Povoa' de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festi ta' San Pedro li ser isiru fit-28 u d-29 ta' Ġunju, 2022. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament illi d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività tkun komposta mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku żied jgħid sabiex għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti mill-Kunsill ta' Eshborn u mill-Kunsill tal-Portugal. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx hemm xi inizjattiva minn naħa tal-Franċiżi peress illi l-Ġermaniżi u l-Portugiżi dejjem urew aktar interess fil-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk is-Sur Gerhard Raiss kienx preżenti matul id-delegazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fil-pożittiv. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jistieden lis-Sur Gerhard Raiss. Is-Sur Agius qal illi s-Sur Raiss dejjem ikun involut fl-iskambju tal-artisti. Is-Sinjura Calleja qalet li s-Sur Gerhard Raiss kien kuntatt importanti u m'għandux jiġi eskluż. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kampijiet Internazzjonali taż-Żgħażagħ li ġew organizzati fil-passat ħallew impatt pożittiv fost il-parteċipanti.

562.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien beda x-xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali fi Triq Spadaro, kif ukoll l-proġett tal-*Urban Greening* fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sindku qal illi bħalissa kienu qed isiru l-aħħar xogħlijiet fi Triq il-Qalb Imqaddsa, u li l-proġett tal-*Urban Greening* fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar kien miexi ġmielu. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk fi Triq Spadaro kienx ser jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak biss jew jekk it-triq kinitx ser tinqala' mill-qiegħ. Is-Sur Buttigieg

semma l-ħtieġa li t-triq tinbena mill-qiegħ nett u li jingħata l-konkos biex jissaħħu l-pedamenti tat-triq. Is-Sindku qal illi kien ser isir kostruzzjoni tat-triq. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser jingħata wiċċ ġdid fi Triq Strickland. Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Strickland, Trejqa San Ġorg Preca u Triq Santa Tereża. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-bankina l-ġdida li saret fi Triq Santa Tereża, kif toħroġ minn Trejqa San Ġorġ Preca, kienet sfrundat. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq l-ilment lill-kuntrattur. Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva minn resident li joqgħod fi Triq Santa Tereża dwar problema fil-qlib tal-ilma. Is-Sur Buttigieg qal illi minn mindu rranġaw il-bankina, saddewlu l-katusi tal-ilma tax-xita u l-ilma tal-bitħa mhux joħroġ fit-triq. ~~sadd l-ilma tax-xita qed jidħollu fil-bitħa tad-dar tiegħu~~. Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jsiru *culverts* tal-ilma tax-xita sabiex itaffu l-problemi tal-għargħar li hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa u fit-toroq tal-madwar. Is-Sindku qal illi parti mill-proġett tax-xogħol ta' *resurfacing* kien jinkludi estensjoni tal-i*storm water culverts*. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsiru *culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq Lia. Emendati.

562.3.10 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz ta' *Zoom* u tiġi trasmessa fuq il-paġna uffiċċjali ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fil-31 ta' Mejju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux il-Kunsillieri kollha kienu bagħatu r-rapport dwar il-ħidma fil-qasam li għalih huma responsabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti li dan ir-rapport jiġi nkluż fir-Rapport Amministrattiv li ser jiġi ppreżentat matul il-laqgħa pubblika.

562.3.11 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet isssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata attività bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC fl-10 ta' Ġunju, 2022, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €300 VAT inkluż.

**562.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

562.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**562.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

562.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Marzu 2022 u l-10 ta' Mejju 2022 li kienet tammonta għal €86,733.26.

**562.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Servizz ta' *Accountant* u *Accountant Technician* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2022)

562.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' *Accountant* u *Accountant Technician* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2022). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratti kienu se jingħataw lott b'lott. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Dwar lott 1 - Servizz ta' *Accountant,* is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sinjura Doreen Mintoff għall-prezz ta' €13,750 eskluż il-VAT. Dwar lott 2 - Servizz ta' *Accountant Technician,* is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand *GCS Accounting Malta Limited* għall-prezz ta' €12,000 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti ta' lott 1 u lott 2 permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**562.7 Deċiżjoni dwar il-kwotazzjonijiet tal-ftuħ u tindif tal-latrini pubbliċi**

562.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kumitat qabel unanimament li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fis-7.05 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti. Fis-7.09 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

562.7.2 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet miġbura għaż-żamma u tindif tal-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill u tal-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-kwotazzjonijiet kienu jinkludu biss il-ftuħ u l-għeluq tal-latrini u t-tindif tagħhom. Il-materjal tat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina ma kienux inklużi f'dawn il-kwotazzjonijiet. Dwar il-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill, fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta mingħand offerent 1 għall-prezz ta' €4,900 eskluż il-VAT. Dwar il-latrina pubblika fi Triq iċ-Ċawsli, fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta mingħand offerent 1A għall-prezz ta' €4,900 eskluż il-VAT. Is-Sindku qal illi offerent 1 kien ser jieħu ħsieb iż-żamma tal-latrini pubbliċi wara li jiskadi l-kuntratt għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019).

562.7.3 Is-Sindku qal illi l-latrina ta' Triq iċ-Ċawsli kienet qed tinżamm temporanjament magħluqa minħabba li kien hemm ħsara fis-sistema tad-dranaġġ u żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol sabiex tinbidel il-medda tad-drenaġġ. Barra minn hekk il-Kunsill kien applika sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u offerent 1A kien ser jibda jieħu ħsieb il-latrina skont il-bżonn u ċ-ċirkostanzi.

**562.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

562.8.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

**562.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

562.9.1 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li kienet irċeviet minn residenti ta' Triq il-Luq sabiex titneħħa rampa li hemm qabel il-fetħa tal-garaxxijiet. Is-Sindku qal illi f'din il-parti tat-triq ser jerġa' jittella' iċ-ċint li kien hemm. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kinitx ser tidjieq it-triq wara li jittella' iċ-ċint. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

562.9.2 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejjin fi Triq San Leonardu u qalet li r-residenti kienu talbu modifikazzjoni fil-bankina li kienet qed issir. Is-Sindku qal illi Infrastruttura Malta kienet qed tagħmel kostruzzjoni ta' bankina ġdida u żied jgħid li fil-preżent kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet dwar din il-bankina. Is-Sindku qal illi kien ressaq it-talbiet tar-residenti lill-Infrastruttura Malta. Il-Viċi Sindku semmiet l-importanza li l-Kunsill iressaq il-vuċi tar-residenti lill-entitajiet ikkonċernati qabel ma jitlesta l-proġett.

562.9.3 Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jinżebgħu l-marki tal-karreġġjati wara li jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing*. Dan peress illi kien hemm diversi toroq li tlestew iżda l-marki tal-karreġġjati għadhom ma sarux. Is-Sindku qal illi fil-jiem li ġejjin kienu ser isiru l-marki tal-karreġġjati fi Triq ix-Xgħajra. Il-marki fi Triq il-Qalb Imqaddsa u l-madwar kienu ser isiru kollha f'daqqa minħabba li ser jiġi mplimentat il-proġett tat-*traffic management* il-ġdid fiż-żona tal-iskola.

562.9.4 Il-Viċi Sindku qalet li kien inħoloq inkonvenjent għal uħud mir-residenti wara li sar xi tibdil fil-parkeġġi ta' Triq l-iskola. Is-Sindku qal illi ġew modifikati xi sinjali biex is-sidien tal-garaxxijiet ikunu jistgħu jidħlu fil-garaxx mingħajr diffikultajiet żejda peress illi t-triq ma kinitx wiesgħa biżżejjed.

562.9.5 Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Grech talab li jkun skużat.

562.9.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-7 ta' Lulju, 2022 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani f'Għawdex. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għall-anzjani.

562.9.7 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva mingħand residenti li joqgħodu fi Triq Villabate sabiex il-Kunsill joġġezzjona għall-permess tal-*Planning Authority* dwar estenzjoni ta' stabbiliment kummerċjali. Is-Sindku qal illi s-sit kienet qiegħda f'żona ta' żvilupp u żied jgħid li jekk il-Kunsill joġġezzjona kien ser jinħoloq preċedent għall-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar.

562.9.8 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa dwar il-frekwenza tat-tisqija tal-pjanti. Is-Sur Buttigieg qal illi l-pjanti u s-siġar ta' Triq tal-Labour kienu mietu bil-għatx u l-*pots* kienu mimlijin bil-bottijiet u l-fliexken. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-qsari ta' Triq

tal-Labour kienux fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi s-siġar li hemm mal-Belveder ma kienux jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, filwaqt li l-*pots* li hemm man-naħa tar-residenti kienu nklużi fil-kuntratt taż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* u *roundabouts.* Il-Viċi Sindku semmiet l-importanza li jiġu mħawwla fjuri fis-*soft areas* madwar il-lokalità.

562.9.9 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li titnaddaf is-*soft area* li hemm fi Triq ix-Xgħajra faċċata tal-ispiżerija.

562.9.10 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*bus stop* 'Bur Bur'. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm fejn issir *zebra crossing* u żied jgħid li din il-materja ġiet diskussa diversi drabi matul il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sinjura Calleja qalet li hemm periklu kbir biex taqsam.

562.9.11 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta ser tiġi mplimentata l-iskeda l-ġdida tal-iskart. Is-Sindku talab lill-Kaptan Barbara sabiex flimkien jagħmlu laqgħa ta' diskussjoni matul il-ġimgħat li ġejjin.

562.9.12 Is-Sur Joseph Agius qal illi ħanut partikolari fi Triq is-Santwarju kien qed jiżgombra l-bankina bil-*pots* u tabelli bil-prezzijiet. Is-Sur Agius żied jgħid li l-*pots* kienu sbieħ iżda l-*pots* u t-tabelli bil-prezzijiet kienu qed joħolqu nkonvenjent għall-persuni b'diżabilità.

562.9.13 Is-Sur Joseph Agius talab li l-laqgħat tal-Kunsill ma jibqgħux isiru b'mod virtwali minħabba li kien qed ikun hemm nuqqas ta' *quorum.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux minnu li l-laqgħa qed tinżamm b'nuqqas ta' *quorum.* Is-Sur Joseph Agius qal li kien qed ikun hemm uħud mill-membri li jkollhom il-*cameras* mitfija. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li ma jfissirx li għax għandhom il-*camera* mitfija ma kienux preżenti għal-laqgħa u li kieku ma kienx hemm *quorum* il-laqgħa ma tkomplix. Is-Sindku qal li f'kull laqgħa tal-Kunsill kien hemm *quorum.* Il-Kaptan Barbara qal illi żewġ Kunsillieri biss ma kienux preżenti.

**562.10 Mozzjonijiet**

562.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**562.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

562.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

562.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-563 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2022.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku